MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Leslie Galea, iben John,
imwieled Pieta' fid-19 ta' jannar, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Ta' Xbiex fil-jiem ta' bejn it-2 u is-6 ta' ottubru, 2003, bil-lejl, ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom 'spare parts' tal-vetturi li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) minn ġol-fond 'Spark All Parts Ltd.' li hu sitwat fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur u li seħħ għad-dannu ta' George Pavia;
2. talli fl-10 ta' novembru, 2003 u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa,

meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli kiser il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' mejju, 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tas17 ta' marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta it-tieni u it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sena mil-lum li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------